MARSAXLOKK

Minuti tal-laqgħa tal-Kunsill Lokali Marsaxlokk, laqgħa nru. 6(2011), li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv, 2 Triq Vittorio Cassar, Marsaxlokk, nhar it-Tnejn, 30 ta' Mejju 2011, fl-4.30 p.m.

1. **<u>Preżenti</u> :**

| | |
|---|---|
| **Sindku** | Stephen Caruana |
| **Viċi-Sindku** | Edric Micallef |
| **Kunsilliera** | Steven Grech |
| | Remigio Cassar |
| | William Pomroy |

| | |
|---|---|
| **Segretarju Eżekuttiv** | John Restall |

**Aġenda għal-laqgħa :**

1. Qari tal-Minuti
2. *"Arising"* mill-Minuti
3. Korrispondenza
4. Kommunikazzjonijiet tas-Sindku
5. It-Tender tat-Toroq
6. Ħruġ ta' Tender għat-Tindif u Attendenza fil-Latrini Pubbliċi
7. Mir-Raħal is-Sajjieda
8. Approvazzjoni ta' Ħlasijiet
9. Affarjiet Oħra

**2. <u>Qari tal-Minuti</u>**

**2.1** Wara t-talba nqraw il-Minuti tal-laqgħa nru. 5(2011) u dawn ġew approvati.

**3. <u>*Arising* mill-Minuti</u>**

**3.1** Dwar is-CCTV Cameras, il-Kunsillier Grech u l-Kunsillier Pomroy informaw 'l Kunsill li l-Gvern Ċentrali se jinstalla żewġ CCTV Cameras fil-Pjazza, waħda fuq l-Għajn tal-Ħasselin u oħra fuq id-daħla fil-pjazza minn Triq iż-Żejtun.

**4. <u>Korrispondenza</u>**

**4.1** Nqrat il-korrispondenza kollha pendenti.

**4.2** Rigward ir-rapport ta' inċident tat-traffiku li ġara f'Triq il-Kavallerizza fil-15 ta' Mejju 2011, il-Kunsill qabel li jitlob il-permessi meħtieġa mingħand Transport Malta sabiex jiġu nstallati *Rumble Strips* quddiem l-uffiċini tal-Għaqda Koperattiva tas-Sajd u sabiex minn quddiem il-Grawnd sa Triq l-Arznell ikun hemm limitu ta' sewqan ta' 35 km fis-siegħa.

**4.3** Fl-opinjoni tal-Kunsill, l-iskeda tal-kumpanija Arriva għall-frekwenza tal-karozzi tal-linja li se jaqdu lil Marsaxlokk fil-Ħdud mhiex biżżejjed u li din kellha tiżdied. Il-Kunsill talab lis-Segretarju Eżekuttiv sabiex jistaqsi lis-Sur Kevin Zahra jekk hu kienx se jibqa' nvolut mat-trasport pubbliku meta tibda topera l-Arriva.

**4.4** Il-Malta Standards Authority kienet bagħtet l-ewwel rapport dwar l-istat tal-Playground ta' Ġnien il-Familja. L-aktar nuqqas serju li kien jirrikjedi tiswija urġenti kien minħabba li kienu nxtorbu jew inqalgħu is-*safety tiles* ta' madwar l-apparat. Il-Kunsill talab lis-Segretarju Eżekuttiv sabiex iqabbad lil M-Quip, il-kumpanija li kienet installat l-apparat tal-Playground, sabiex isiru t-tiswijiet meħtieġa u jitlob ukoll kwotazzjoni sabiex tiġi nstallata bandla oħra fl-ispazju l-vojt.

**4.5** Il-kumpanija Blues Limited xtaqet tqiegħed mapep informattivi max-xatt ta' Marsaxlokk. Dawn ikunu juru postijiet ta' interess għat-turisti bħal banek, għassa tal-Pulizija, ristoranti, siti storiċi, eċċ. Id-dħul għall-kumpanija jkun mir-reklami li jidhru mad-dawra tal-mappa li jinġabar mingħand tal-ħwienet. Il-Kunsill wera l-interess tiegħu pero' xtaq li l-ewwel ikun jista' jara ritratti ta' uħud minn dawn il-mapep li ġa twaħħlu f'lokalitajiet oħra u li jkun hemm limitu ta' perijodu tal-ftehim ta' ħames snin li jista' jiġġedded.

**4.6** Is-Sinjura Marisa Bonavia li toqgħod viċin tal-*Bring-in-site* ta' quddiem il-kappella ta' San Pietru lmentat dwar l-iskart moqżież li qed jitħalla madwar dawn l-iskips u l-istorbju matul il-lejl meta tar-ristoranti jitfgħu fliexken tal-ħġieġ. Il-Kunsill talab lis-Segretarju Eżekuttiv ikellem lis-Sinjura Bonavia biex jara jekk kienetx interessata li, jekk tiġi nstallata CCTV Camera biex tissorvelja din il-*Bring-in-site,* iżżomm ir-*recorder* ġo darha. Bħala kumpens, il-Kunsill ikun lest li jinstalla kamera oħra biex tissorvelja lil-darha. Dan ikun possibbli biss jekk ikun hemm aktar dawl f'dawn l-inħawi matul il-lejl fejn bħalissa hu wisq mudlam biex topera CCTV Camera.

**4.7** Is-Sindku wera 'l Kunsill ritratt ta' karru li George Cutajar (Il-Parruċċan) xtaq jibda jarma bieh fil-pjazza. Il-Kunsill ma qabilx ma dan il-karru u lanqas ma qabel li George Cutajar u Mr Whippy ikomplu jarmaw fejn kienu jarmaw qabel ma sar il-proġett tat-tisbiħ għaliex din il-parti tax-Xatt kienet se tkun *No Parking.*

**4.8** Is-Sur Andreas Gerdes ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill li s-sinjali tal-Park Xrobb l-Għaġin kienu ġa ġew ivvandalizzati. Il-Kunsillier Pomroy talab lis-Segretarju Eżekuttiv sabiex jinforma lil Mathieu Cilia tal-Ministeru għar-Riżorsi u l-Affarjiet Rurali.

**4.9** L-Għaqda Mużikali Pompei għamlet talba għal għajnuna finanzjarja għall-attivitajiet li se torganizza għall-Festa Titulari tal-Madonna ta' Pompei. Il-Kunsill talab lis-Segretarju Eżekuttiv sabiex jinforma lill-Għaqda li din l-għajnuna tmur kontra r-regolamenti finanzjarji iebsa li qed jiġu nfurzati strettament.

**4.10** Dwar l-applikazzjoni tar-Rizzu Restaurant (PA 05409/10) għal permess biex iqiegħed mwejjed u siġġijiet quddiem ir-ristorant man-naħa tal-baħar, il-Kunsill talab lis-Segretarju Eżekuttiv sabiex jibgħat issoltu kummenti dwar dan is-sit lill-MEPA.

**5.** **<u>Kommunikazzjonijiet tas-Sindku</u>**

**5.1** Is-Sindku tkellem dwar il-laqgħa tal-Bord tal-Appell dwar l-estensjoni tal-Power Station li kienet saret fil-5 ta' Mejju 2011. F'din il-laqgħa, il-Bord kien talab il-partijiet taż-żewġ naħat biex jagħmlu s-sottomissjonijiet tagħhom fi żmien tlett ġimgħat.

6. **It-Tender tat-Toroq**

**6.1** Il-Kunsill qabel li wara li Alfred Schembri & Sons jinfurmaw lill-Kunsill li se jirtiraw l-offerta tagħhom, il-Kunsill jitlob lill-kuntrattur li jmiss, Philip Agius & Sons Ltd, jekk jaċċettax li jieħu l-kuntratt. Jekk din il-kumpanija ma taċċettax, il-Kunsill jerġa' joħroġ sejħa għal offerti. Din id-darba, il-Bid Bond kellha tkun valida għal sitt xhur mill-għeluq tas-sejħa. Id-data tal-għeluq tas-sejħa kellha tkun ta' għaxart ijiem mid-data tal-pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern.

7. **Ħruġ ta' Tender għat-Tindif u Attendenza fil-Latrini Pubbliċi**

**7.1** Qabel ma jiddeċiedi l-ħinijiet tal-ftugħ u l-frekwenza tat-tindif, il-Kunsill xtaq informazzjoni dwar kif kienu qed jaħdmu xi Kunsilli oħra wara li ntemm il-kuntratt tagħhom mal-Cleansing Services Department. Għalhekk il-Kunsill talab lis-Segretarju Eżekuttiv sabiex jakkwista kopja tas-*Specifications* tal-kuntratt li kien għadu kemm iffirma l-Kunsill ta' Ħal Għaxaq.

8. **"Mir-Raħal is-Sajjieda"**

**8.1** Il-Kunsillier Pomroy informa 'l Kunsill li kienu saru l-arranġamenti kollha għall-attivitajiet li se jiġu organizzati nhar is-Sibt u nhar il-Ħadd, l-4 u l-5 ta' Ġunju 2011. Kella ssir konferenza stampa, li għaliha kien se jattendi l-Onor Chris Said, nhar il-Erbgħa, l-1 ta' Ġunju 2011. fl-4.30 p.m.

9. **Approvazzjoni ta' Ħlasijiet**

**9.1** Il-Kunsill approva unanimament il-pagamenti li huma nklużi fl-Iskeda ta' Pagamenti (Skeda Nru 0511) li hi annessa ma' u tifforma parti minn dawn il-Minuti.

**10.** Il-laqgħa spiċċat fis-7.45 p.m.

**Stephen Caruana**
**Sindku**
**Data :**

**John Restall**
**Segretarju Eżekuttiv**